

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 9

## MINN QASSIS IL-KBIR TAS-SATANISTI GĦALL-QIMA TAL-ARTALI – IL-BEATU –BARTOLO LONGO

X'kapaċi jagħmel ir-Rużarju !



Twieled fl-1841 fl-Italja f'familja kattolika. Ta' 10 snin tilef lil ommu. Fl-Università ta' Napli, dak iż-żmien bejta ta' mażunerija, antiklerikaliżmu u okkult, tilef il-fidi. Sar il-qassis il-kbir tas-satanisti. Inħakem minn dwejjaq u disperazzjoni. Il-familja titlob għall-konverzjoni tiegħu. Għall-parir tal-Profs Vincenzo Pepe ħalla l-okkult u avviċina Patri.Dumnikan.

Milqut mis-sentenza: 'Jekk trid issalva xerred ir-Rużarju', sar Terzjarju Dumnikan bl-isem ta' Fra Rosario. Fetaħ kappella fil-Wied ta' Pompej. Akkwista kwadru tal-Madonna tar-Rużarju u bdew iseħħu l-mirakli hemm f'Pompej. Fetaħ orfanatrofji għal ulied id-delikwenti ta' Pompej. Bena l-Bażilika tal-Madonna ta' Pompei u miet b'fama ta' qdusija. Illum hu l-Beatu Bartolo Longo. Minn qassis tas-satanisti għall-qima tal-artali. Miraklu u monument ħaj ta' x'jaf jagħmel ir-Rużarju Mqaddes ta' Marija



## TALBA LILL-MADONNA TA' POMPEJ

O Rużarju mbierek ta' Marija,
Katina ħelwa li tgħaqqadna ma' Alla,
Rabta ta' imħabba li sseħibna mal-anġli,
Qawwa għall-ħelsien meta jaħbat għalina l-infern,
Port żgur mit-tempesti tal-ħajja,
Ktieb tal-ħajja ta' dejjem:
Aħna ma nħalluk qatt.

Int tkun l-hena tagħna waqt l-agunija, Lilek l-aħħar bewsa tal-ħajja li tkun tintemm.
U l-aħħar kelma li toħroġ minn fommna, ikun l-isem ħelu tiegħek,

O Sultana tar-Rużarju,
O Madonna ta' Pompej,
O Omm għażiża tagħna,
O kenn tal-midinbin,
O faraġ tal-imnikktin.

Tkun imbierka kullimkien,

Illum u għal dejjem.
Ammen